MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 66/2010

**Rosette Vella I.D. 883553M u zewgha Carmelo Vella ghal kull interess li jista' jkollu.**

**vs**

**Adrian Muscat u b'digriet ta' dan il-Bord tat-30 ta' Mejju 2011 Rita Muscat kienet ammessa in statu et terminis.**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi huma jikru l-fond 8, Isabelle, Triq A. Cuschieri , Santa Venera lill-intimat Adrian Muscat;

Illi Adrian Muscat m'ghadhux joqghod fil-post de quo ghaliex qed jghix f'post iehor;

Illi ghal kull boun fini l-esponenti jixtiequ l-fond ghal uliedhom li kibru u qed ifittxu post fejn jghixu;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord jordna li l-kera fuq il-fond 8, Isabelle, Triq A. Cuschieri, Santa Venera hi mitmuma u jordna lill-istess intimat jizbombra [zewg kelmiet ma jingharfux] il-fond imsemmi mill-effetti mobbli tieghu fi zmien perentorju.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi f’din il-kawza s-sidien rikorrenti adew lil dan il-Bord b’talba sabiex jawtorizza li l-kera tal-fond hawn imsemmi ma tiggeddidx u dan ghal zewg ragunijiet. It-tieni raguni vantata mir-rikorrenti ser tkun kunsidrata *in primis* ghaliex minn ezami tal-atti huma immedjatament evidenti li din hija destinata li tfalli;

Wahda mir-ragunijiet mressqa mir-rikorrenti sid ghaliex trid tirriprendi l-fond hi li ghandha bzonnu ghal ulieda “li kibru u qed ifittxu post fejn jghixu”. Raguni bhal din tirrikjedi prova assidwa biex turi li verament hemm neccessita’ tal-fond mis-sid biex jintuza minnu jew minn axxendent jew dixxendent tieghu *ex* artikolu 9(b) tal-Kapitolu 69 tal-ligijiet ta’ Malta. Ir-rikorrenti ddikjarat biss fit-testimonjanza taghha s-segwenti “dan il-post ghandi bzonnu ghat-tfal tieghi li t-tnejn huma adulti u li qe ifittxi post fejn joqghodu” (fol 12). Zewgt ir-rikorrenti xehed hekk: “Issa ahna ghandhna zewgt itfal kbar u l-post nixtiquh ghal xi hadd minnhom. It-tfal jisimhom David ta’ 22 sena u Bennet li ghandu 19-il sena. Huma ilhom jghiduli li qed ifittxu post fejn joqghodu imma mhux qed isibu ghaliex it-tnejn ghadhom qed jistudjaw u allura ma jaffordjawx jixtru jew jikru. Jien nixtieq “hafna li uliedu jew lil wiehed minnhom inkun nista ntih fejn joqghod hekk kif jiggradwa” (fol 13). Fil-fehma tal-Bord, b’dawn id-dikjarazzjonijiet wahidhom u minghajr fatturi ohra, anqas jibdew biex imissu l-minimu tal-oneru tal-prova tal-bzonn

ragjonevoli kif spjegat fid-diversi sentenzi in rigward. Ara per ezemplari **John u Maria ahwa Mercieca vs Andreanna Saliba** App 11 ta' Frar 2004 fejn il-Qorti rrikapituat l-elementi essenzjali *sine qua non* biex tirnexxi talba bhal dik odjerna. Ghal dawn il-motivi, t-talba bazata fuq il-premessa tal-bzonn qed tkun michuda;

Ikkunsidra inoltre illi r-rikorrenti ressqet bhala l-ewwel raguni ghat-talba taghha l-allegazzjoni li l-intimat qieghed jghix gewwa fond iehor u b'hekk il-Bord qed jifhem li qed tkun invokata r-raguni tal-abbandun. Jokkorri ghalhekk li jkun ezaminat jekk jirrizultawx dawk l-elementi li ghandhom jikkonvincu lil dan il-Bord jasal ghal tali konvinzjoni. L-oneru ta' din il-provi hija naturalment dejjem fuq ir-rikorrenti u a propositu ta' dan, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **George Felice vs Gianni Cini** 28.6.2001 kien ritenut illi "*wiehed allura kien jistenna li s-sid appellat jipproduci provi konvincenti, mhux biss li l-inkwilin tieghu kien definittivament abbanduna d-dar tar-residenza tieghu, imma wkoll illi jipproduci l-prova li assuma residenza band'ohra, u dan b'mod permanenti bil-hsieb li ma jirritornax lura fil-fond lilu mikri li kien daru*";

Ezaminati l-atti minn din l-ottika, illi l-fond inkera lill-intimat fit-12 ta' Ottubru 1995 minn omm r-rikorrenti sabiex jintuza bhala r-residenza tieghu (kopja tal-kuntratt a fol 15). Ftit wara huwa zzewweg lill-intervenuta fil-kawza u t-tnejn bdew joqghodu flimkien f'dan il-fond. Ftit qabel ma kienet intavolata l-kawza, mart l-intimat ttentat diversi drabi minghajr thallas il-kera hi u dan ghal-varji ragunijiet tant li qanqlet suspett fir-rikorrenti li minn indagini rrizultala li l-kopja Muscat kienet ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni u meta kkonfrontat lill-martu kkonfermat li zewgha l-intimat ma joqghodx hemm u jmur kultant. L-ahhar indirizz li kellha martu kien ta' siehba tieghu izda lanqas hemm ma baqa' joqghod u ghalhekk peress illi ma kienitx taf fejn qed joqghod kienet tikkomunika mieghu fuq il-post ta' xoghol tieghu fejn jahdem bhala suldat. Wara li r-rikorrenti ghamlet kuntatt mieghu, l-intimat iddepozita taht l-awtorita' tal-Qorti, l-arretrati ta' diversi snin tal-kera;

Ir-rikorrenti produciet kopja tat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta’ persuna li xehdet f’Novembru tal-2010 fil-proceduri ta’ separazzjoni bejn il-konjugi Muscat. Minn hawn jirrizulta illi l-intimat kien gia qed jghix ma’ din il-persuna mill-2005. Minn hemm mar jghix ma’ certu Rita li, izda, mhix l-intervenuta fil-kawza (fol 36). Wara din kien rega’ beda jaghmel kuntatt ma’ din ix-xhud li xhedet ukoll li oltre lilha l-intimat ittanta jaghmel kuntatt ukoll ma’ habiba taghha u li l-istess intimat kien stqarr maghha li qabel bdew din ir-relazzjoni kellu relazzjoni ta’ tlett snin ma’ certu Bernice;

Dak appena rikapitolat minn din id-deposizzjoni jaqbel mad-dikjarazzjoni tal-intervenuta fil-kawza meta xehdet fil-proceduri ta’ separazzjoni minn ma’ zewggha intavolati fis-sena 2007 meta tghid li sentejn ilu, allura fl-2005, “ir-ragel qabad u telaq mid-dar ghaliex kien qabad ma’ mara ohra” (fol 40). F’dan l-affidavit datat April 2008, mart l-intimat ddikjarat illi zewggha reggha lura d-dar flimkien ma’ habib tieghu u jghix hemm anke jekk bejnithom ma hemm xejn. F’affidavit prezentat quddiem dan il-Bord, mart l-intimat iddikjarat illi minn meta zzewget, l-intimat u hi dejjem baqghu joqghodu f’dan il-fond izda dan “ma jfissirx illi r-ragel mhux darba jew tnejn jaqbad u jmur jghix ma’ xi wahda u fuq dan hemm kawza ta’ separazzjoni” (fol 46). In kontro ezami, izda l-intervenuta in kawza tikkontradixxi lilha nnifisha meta tghid illi ma taqbilx max-xhieda ta’ persuna li xehedet fil-kawza ta’ separazzjoni taghha kif aktar ‘l fuq rikapitolat. Hi ma taqbilx ma’ din id-deposizzjoni fejn jinghad illi zewggha l-intimat ghamel sitt xhur jghix barra mid-dar tieghu, allura l-fond inkwisjtoni. Opportunement ifakkar dan il-Bord illi din ix-xhud kienet prodotta mill-istess intervenut fil-kawza odjerna fil-kawza istitwita minnha stess kontra zewggha. Meta xhedet l-istess intervenuta f’dawk il-proceduri ta’ separazzjoni, hija ddikjarat ukoll hekk: “Dan l-ahhar xtrajt salott u kelli naghmel il-bieb ta’ barra tal-hadid kollox imhallas minni. Il-Bieb tal-hadid ghamiltu minhabba li kien jigi u jahgmel ix-xenati bil-vjolenza”. (fol 41 Affidavit tal-attrici [Rita Muscat] fil-kawza Rita Muscat pro et no vs Adrian Muscat – Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja). Issa quddiem dan il-Bord a fol 56 tghid illi “il-kancell tal-hadid ghamiltu jien

ghar-ragunijiet ta' sigurta peress illi t-tifla kienet tiftah il-grada li hemm u hsibt illi nbiddilha u naghmilha aktar sigura". Bid-dovut rigward, l-intervenuta fil-kawza l-ewwel pingiet lill-intimat bhala bniedem vjolenti u kellha sahansitra taghmel kancell tal-hadid ghas-sigurta' taghha fil-kawza ta' separazzjoni u issa qed taghti raguni diversa ghaliex ghamlet dan il-kancell. Inoltre dan qed isir b'kolluzzjoni mal-istess intimat li kif ser jirrizulta dalwaqt jghid li l-kancell ghamlu hu ghal-raguni ta' sigurta.

L-intimat xehed illi dejjem ghex fil-fond inkwistjoni minn meta zzewweg u li qieghed fi proceduri ta' separazzjoni minn ma' martu u gia hemm ftehim li dawn jibqghu jghixu flimkien anke wara li jintemmu l-proceduri. In kontro ezami jghid illi biddel il-bieb tal-aluminium f'kancell tal-hadid ghal raguni ta' sigurta;

Illi minn dan kollu tirrizulta nuqqas ta' attendibilita' da parti tal-intimat u l-intervenuta fil-kawza. Fil-fehma ta' dan il-Bord r-rikorrenti pruvat illi l-intimat ilu zmien twil li abbanduna l-fond lilu mikri u dan l-abbandun ta' dimensjoni kif assodat fil-gurisprudenza. Huwa abbandun dan li wera li ghal zmien l-intimat qatt ma kellu l-intenzjoni, pre l-proceduri odjerni, li jirritorna fil-fond. Din il-prova bl-ebda mod ma kienet newtrallizata mill-intimat jew mill-intervenuta fil-kawza ghaliex it-tahwid fid-deposizzjoni taghhom iwassal biss ghall-konvincement ta' stratagema bejnithom biex jaghtu l-impressjoni illi huma dejjem ghexu b'mod ininterrott  fil-fond in kwistjoni bhala koppja mizzewga meta l-atti juru proprju l-kontra.

Jokkorri issa li ssir kunsiderazzjoni dwar l-istat *quid juris* ta' mart l-intimat li tidher f'dawn il-proceduri bhala intervenuta *in statu et terminis*. Mart l-intimat, li, kif gia irrizulta, fil-mori tal-kawza kienet ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni personali minn mal-intimat tirritjeni illi hija titolari tal-kera proprju ghaliex hija mart l-inkwilin.  Tinsisti illi l-kuntratt ta' kera kien sar bejn r-rikorrenti bhala sid u zewggha l-intimat bhala inkwilin fi zmien meta kienet ghadha gharusa mal-istess intimat u li minkejja li kienet ix-xewqa taghha li l-ftehim isir bejniethom it-tlieta, r-rikorrenti insistiet illi l-fethim isir biss bejnha bhala sid u l-intimat

bhala inkwilin. Issa dan kollu fil-fehma tal-Bord huwa immaterjali ghall-kwistjoni hawn devoluta. L-Bord ghandu quddiemu kuntratt ta' lokazzjoni li sar fi zmien fejn l-intimat kien ghadu mhux mizzewweg mal-intervenuta fil-kawza, fatt dan li jemergi palesi bejn il-partijiet. Issa, kien x'kien il-hsieb tal-intervenuta fil-kawza f'dak iz-zmien bhala gharusa tal-intimat, l-ftehim ma jakkludix lill-intervenuta. L-kwistjoni kienet tkun differenti li kieku l-intervenuta kienet gia mizzewga lill-intimat meta kienet kostitwita' l-kirja, izda dan mhux il-kaz u ghalhekk il-Bord ikollu jikkonkludi illi din ma tistghax titqies bhala inkwilina skond il-ligi;

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament qed jipprefigi terminu ta' disghin (90) jum mill-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------